DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 77/2022

tat-18 ta' Marzu 2022

li temenda l-Anness X (Servizzi b'mod ġenerali) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1145]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bil-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi X u XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 3 (ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness X tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32020 R 1055**: Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020. p. 17)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 19a (ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u l-punt 25a (ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32020 R 1055**: Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020. p. 17)."

Artikolu 3

It-test tar-Regolament (UE) 2020/1055 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN